



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 19 ta' Lulju 2004 (27.07)

**10679/2/04
REV 2**

CONCL 2

NOTA TA' TIFSIR

mill: Presidenza

lid: Delegazzjonijiet

Suġġett **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
17 U 18 TA' ĠUNJU 2004**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu hawn mehmūza l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (17 u 18 ta' Ġunju 2004).

1. Il-Kunsill Ewropew irreveda l-progress f'firxa ta' oqsma u stabbilixxa linji gwida għall-iżvilupp futur tal-politika f'kull wieħed minn dawn l-oqsma.
2. Qabel il-laqgħa, saret spjega mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sinjur Pat Cox, segwita minn skambju ta' fehmiet.
3. Il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib tiegħu dwar l-għadd baxx ta' votanti fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-ġimgħa li għaddiet. Jagħraf il-ħtieġa li jsahha f'ost iċ-ċittadini Ewropej sens ta' l-importanza tal-ħidma ta' l-Unjoni u r-rilevanza tiegħu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Wara diskussjoni preliminari f'din l-okkazzjoni l-Kunsill Ewropew bi ħsiebu jerġa' lura għal dan is-suġġett fil-laqgħa tiegħu li jmiss. Sadattant, jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenza ta' l-Olanda li tkompli tmexxi 'l quddiem l-inizjattiva tal-Presidenza Irlandiża "L-Ewropa Mfissra".

I. KONFERENZA INTERGOVERNATTIVA

4. Il-Konferenza Intergovernattiva, li ltaqgħet fuq il-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, waslet għal ftehim dwar l-abbozz tat-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa abbażi tat-testi fid-dokumenti 81/04 u CIG 85/04. L-editjar legali u l-armonizzazzjoni finali tat-testi ser isir sabiex jiġi ffirmat it-Trattat qabel it-tmiem tal-2004.
5. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tal-Konferenza Intergovernattiva. It-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa hu pass storiku 'l quddiem fil-proċess ta' ntegrazzjoni u koperazzjoni fl-Ewropa. Bażata fuq il-ħidma tal-Konvenzjoni, il-Kostituzzjoni tistabbilixxi qafas effiċjenti, demokratiku u trasparenti għall-iżvilupp futur ta' l-Unjoni. Din ittemm il-proċess li beda meta t-Trattat ta' Ruma stabbilixxa l-qafas bażiku għall-integrazzjoni Ewropea. Bħat-Trattat ta' Ruma, din ser isservi għal ħafna snin bħala sisien ta' Unjoni għas-servizz taċ-ċittadini tagħha.

II. ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA; IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

6. Iċ-ċittadini ta' l-Ewropa qiegħdin dejjem iżjed jistennew li l-Unjoni tagħmel progress prattiku fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni bbażat fuq il-valuri li għandna lkoll ta' libertà, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt.
7. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress milħuq taħt il-Programm ta' ħames snin ta' Tampere, li juri l-progress sostanzjali magħmul biex tinholq żona ġenwina ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

8. Jinnota li saru għadd ta' passi oħra mportanti fl-ewwel nofs ta' din is-sena. Dawn jinkludu l-adozzjoni tad-Direttiva dwar Kwalifiki għall-Asil u l-ftehim politiku milħuq dwar id-Direttiva dwar Proċeduri għall-Asil; il-ftehim politiku dwar id-Direttiva dwar l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal finijiet ta' studju u għanijiet relatati; l-adozzjoni tar-Regolament għal Ordni Ewropew ta' Nfurzar għal talbiet li ma jkunux ikkontestati; u l-ftehim ġenerali dwar it-test tad-Deċizzjoni Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska.
9. Il-Kunsill Ewropew jemmen li issa wasal iż-żmien biex tinbeda l-fażi li jmiss tal-proċess. Jistieden għalhekk lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex iħejju proposti għal programm ġdid għas-snin li ġejjin biex jiġi kkunsidrat mill-Kunsill Ewropew qabel it-tmiem tal-2004.
10. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi segwit b'mod determinat l-għan li tinbena żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-programm il-ġdid irid ikun proporzjonat għall-kobor ta' l-isfida u l-istennija taċ-ċittadini tagħna. Għandu jkun prattiku, mibni fuq ħidma attwali li toħroġ mill-programm Tampere u valutazzjoni ta' miżuri ta' l-ewwel ġenerazzjoni. Irid ukoll ikun ibbażat fuq il-prinċipji ġenerali ta' ħtieġa ta' valur miżjud Ewropew u rispett għall-prinċipji ta' sussidjarjetà, proporzjonalità, u solidarjetà. Fl-istess ħin, il-programm pluriennali għandu jagħmel progress veru u sostanzjali lejn tkabbir ta' fiduċja reċiproka u promozzjoni ta' politiki komuni, inkluża l-koperazzjoni prattika, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna kollha.
11. Il-momentum irid jinżamm sakemm jiġi adottat il-programm il-ġdid. Il-Kunsill Ewropew jagħmel enfasi b'mod partikolari fuq għadd ta' prijoritajiet fil-qasam ta' asil u immigrazzjoni. L-Aġenzija l-ġdida dwar il-Fruntieri Ewropej, li r-Regolament dwarha dalwaqt ikun lest, għandha tibda topera fil-bidu tal-2005. L-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Amministrazzjoni tal-Fruntieri Marittimi għandha tiġi riveduta. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jikkunsidraw proposti oħra għal strument finanzjarju għall-amministrazzjoni tar-ritorn, billi jużaw l-esperjenza li għabru s'issa fil-qasam tar-ritorn. Il-Kunsill mistieden ukoll jeżamina l-proposti fil-Komunikat tal-Kummissjoni dwar dħul fl-Unjoni ta' persuni li jinħtieġu protezzjoni nternazzjonali, kif ukoll fil-Komunikat dwar ir-relazzjonijiet bejn immigrazzjoni legali u illegali.

12. L-abbuż tad-drogi u t-traffikar tad-drogi huma flaġelli li jridu jiġu affrontati bil-qawwa. Il-Kunsill hu mistieden jaqbel dwar proposti mhux iżjed tard minn Diċembru 2004 għal Strateġija ġdida tal-UE dwar id-Drogi għall-perijodu 2005-2012. Il-proposti għandhom jikkunsidraw il-valutazzjoni finali tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija dwar id-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni tal-2000-2004 kif ukoll ir-riżultat tal-Konferenza reċenti ta' Dublin dwar Strateġija ta' l-UE dwar id-Drogi/Il-Mixja 'l Quddiem.

Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

13. Fis-sessjoni tiegħu tar-Rebbiegħa, wara l-attakki bil-bombi ta' Madrid, il-Kunsill Ewropew adotta Dikjarazzjoni dwar it-Terroriżmu li kellha firxa wiesa'. Jerġa' jafferma d-determinazzjoni tiegħu li jaffronta t-theddida tat-terroriżmu bla heda u b'mod komprensiv. Il-ħatra ta' kordinatur tal-UE kontra t-terroriżmu ser tgħin biex ittejjeb il-kordinazzjoni u l-viżibilità ta' l-azzjonijiet ta' l-UE f'dan il-qasam.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu. Sadattant inkiseb progress tajjeb. Passi notevoli jinkludu t-tlestija tal-ħidma dwar id-Direttiva biex jiġu kkompensati l-vittmi tal-kriminalità; ir-Regolament li jdaħħal funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu; id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi; u l-Ftehim dwar il-Europol u l-Eurojust.
15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni/r-Roadmap riveduti tal-Kunsill u jhegġegħ l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri biex iwettqu l-impenji tagħhom li għad jonqos fit-termini ta' żmien stabbilit. Hu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma/*Roadmap* darbtejn fis-sena, u għall-ewwel darba fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2004.
16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport tas-Segretarju Ġenerali/ Rappreżentant Għoli dwar l-integrazzjoni fis-Segretarjat tal-Kunsill ta' kapaċità ta' tagħrif sigriet dwar l-aspetti kollha tat-theddida tat-terroriżmu. Jitolbu jimplimenta tali arranġamenti kemm jista' jkun malajr, waqt li jieħu kont tal-fehmiet espressi fil-Kunsill (ĠAI) fit-8 ta' Ġunju 2004. Jitlob ukoll lis-SĠ/RĠh li jibqa' jżomm din il-kwistjoni taħt sorveljanza u jirrapporta dwar il-progress lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004.

17. Fuq il-front prattiku u operazzjonali, il-Kunsill Ewropew jilqa' t-twaqqif mill-ġdid ta' *Taskforce* Kontra t-Terroriżmu fi ħdan l-Europol; il-passi li qed jittieħdu biex jitħeġġeġ il-passaġġ ta' tagħrif kriminali u operazzjonali sigriet lill-Europol; id-deċiżjoni meħuda biex jissaħħu l-istrutturi ta' ħidma fil-Kunsill; u d-deċiżjonijiet tal-kapijiet tal-forzi tas-sigurtà ta' l-Istati Membri biex jiltaqgħu b'mod regolari fil-format tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu. Jitlob lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma dwar proposti biex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali tat-*Taskforce* tal-Kapijiet tal-Pulizija biex jiġu adottati arranġamenti ġodda sa mhux iżjed tard minn Diċembru 2004.
18. Il-ħidma issa trid timxi 'l quddiem b'sens ta' urġenza qawwija f'għadd ta' oqsma ta' prijorità. Il-Kummissjoni ppubblikat Komunikat sostanzjali dwar Politika ta' Tagħrif għall-infurzar tal-liġi u hi mistiedna tressaq proposti kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill hu msejjaħ biex ifassal approċċ ġenerali koerenti biex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu sa Diċembru 2004, u abbażi ta' proposti mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni. Sa Ġunju 2005, il-Kunsill għandu jilħaq ftehim dwar l-inizjattivi dwar skambju ta' tagħrif u koperazzjoni dwar reati terroristiċi u dwar ħażna ta' data ta' komunikazzjoni. Sa Diċembru 2005 għandu jintlaħaq ftehim dwar l-inizjattiva biex jiġi simplifikat l-iskambju ta' tagħrif u tagħrif sigriet bejn l-aġenziji li jinfurzw il-liġi.
19. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jagħmlu stima tal-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri kemm biex irażżnu kif ukoll biex ilaħħqu mal-konsegwenzi ta' kwalunkwe tip ta' attakk terroristiku, jidentifikaw l-aħjar prattiki u jipproponu l-miżuri meħtieġa. Koperazzjoni attwali dwar protezzjoni ċivili għandha tissaħħaħ u dan għandu jirrifletti r-rieda ta' l-Istati Membri li jaġixxu b'solidarjetà f'każ ta' attakk terroristiku fi kwalunkwe Stat Membru jew f'każ ta' attakk kontra ċittadini ta' l-UE li joqgħodu barra pajjiżhom. Sat-tmiem ta' din is-sena, abbażi ta' approċċ ikkoordinat mis-SĠ/RGħ u l-Kummissjoni, l-Kunsill hu mitlub iħejji strateġija ġenerali biex itejjeb il-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi.

Approċċ integrat

20. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li hu mportanti li jintużaw strumenti ta' l-Unjoni Ewropea ta' firxa wiesha' fil-kuntest fejn qed jiġu ndirizzati l-fatturi kollha li jikkontribwixxu għat-terroriżmu. Jagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ġlieda kontra t-terroriżmu tiġi ntegrata bis-sħiħ fil-politika ta' relazzjonijiet esterni tal-UE u jitlob li jiġu mressqa proposti konkreti lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru dwar kif dan jista' jitwettaq bl-iżjed mod effettiv.

21. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li s-solidarjetà u l-koperazzjoni internazzjonali huma parti ntegrali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex jiġu ndirizzati l-kawżi bażiċi tiegħu. L-Unjoni ser tkompli tiżviluppa inizjattivi għal koperazzjoni iżjed mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-NU, u żżomm l-iqreb koordinazzjoni possibbli ma' l-Istati Uniti u ma' sieħba oħra. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu trid tkun element prinċipali fid-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali, li jrażżnu l-iffananżjar tat-terroriżmu, jindirizzaw fatturi li jikkontribwixxu għat-terroriżmu, kif ukoll in-non-proliferazzjoni u l-kontroll ta' l-armi.

III. TKABBIR

Il-Bulgarija u r-Rumanija

22. Il-Kunsill Ewropew jiġbed attenzjoni għall-fatt li l-Bulgarija u r-Rumanija huma parti ntegrali mit-tħejjijiet attwali tat-tkabbir meta daħlu għaxar Stati Membri ġodda fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004. L-Unjoni tfakkar li l-prinċipji gwida li applikaw għan-negozjati ta' l-adeżjoni ma' l-għaxar Stati Membri l-ġodda jibqgħu japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija, li huma parti mill-istess proċess inklussiv u irriversibbli tat-tkabbir.
23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sostanzjali ħafna li għamlu l-Bulgarija u r-Rumanija fin-negozjati dwar l-adeżjoni f'dawn l-aħħar xhur u terġa ssemmi l-għan komuni ta' l-Unjoni li tilqa' ż-żewġ pajjiżi bħala membri ta' l-Unjoni f'Jannar 2007, jekk ikunu lesti.
24. Meta laħqet ftehim dwar pakkett finanzjarju ġust u rett għall-Bulgarija u r-Rumanija fil-bidu tas-sena, l-Unjoni fetħet it-triq biex jitlestew in-negozjati dwar il-kapitli prinċipali relatati mal-finanzi u n-negozjati dwar l-adeżjoni maż-żewġ pajjiżi b'hekk daħlu f'fażi sinifikanti. Jekk jibqa' jsir progress veru u effettiv fir-riformi u l-preparazzjonijiet prattiċi għall-adeżjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija, l-Unjoni tikkonferma d-determinazzjoni tagħha li tlesti b'suċċess in-negozjati għall-adeżjoni għaż-żewġ pajjiżi fl-2004, abbażi tal-merti tagħhom.

25. L-Unjoni tinnota b'sodisfazzjon kbir li l-kapitoli kollha li baqa' fin-negozjati mal-Bulgarija issa nġhalqu provviżorjament u li r-Rumanija wkoll għamlet progress kbir u waslet ħafna iżjed qrib biex twettaq dan l-għan. Stati Membri u l-Kummissjoni ser ikompli jgħinu lir-Rumanija f'dan ir-rigward. Il-Kunsill Ewropew qed jistenna bil-ħerqa r-Rapport Regolari tal-2004 tal-Kummissjoni, li ser jagħmel stima tal-kapaċità taż-żewġ pajjiżi biex jassumu l-obbligi kollha tas-sħubija sa l-adeżjoni. Sabiex jiġi ffirmat it-Trattat ta' l-Adeżjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija kemm jista' jkun kmieni fl-2005, it-tfassil tat-Trattat ta' l-Adeżjoni għaż-żewġ pajjiżi ser jibda' fl-Lulju 2004.
26. Hu kruċjali għall-Bulgarija u r-Rumanija li jkunu lesti li jassumu l-obbligi kollha tas-sħubija. Għalhekk l-Unjoni tħeġġeġ liż-żewġ pajjiżi biex ikompli jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ikunu lesti għas-sħubija f'Jannar 2007. L-Unjoni tisħaq li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jagħmlu attenzjoni partikolari biex itejjbu l-kapaċità amministrattiva u ġuridika tagħhom, kif ukoll biex ikompli r-riforma ekonomika u strutturali, u l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' l-impenji nnegozjati. L-Unjoni ser issegwi mill-qrib il-preparazzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' mpenji magħmula fl-oqsma kollha ta' l-*Acquis*.

It-Turkija

27. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sinifikanti li għamlet s'issa t-Turkija fil-proċess ta' riforma, inklużi l-emendi kostituzzjonali mportanti u ta' firxa wiesgħa adottati f'Mejju. Jilqa' l-isforzi kontinwi u sostenuti tal-Gvern Tork biex iwettaq il-kriterji politiċi ta' Kopenhagen. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza li titlesta l-bqija tal-ħidma legiſlattiva u li jitħaffu l-isforzi biex jiżguraw progress deċiżiv fl-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' riformi fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni u fil-pajjiż kollu.
28. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tgħin lit-Turkija fit-tnejjet tagħha u biex taħdem għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqşam mat-tiſhiħ ta' l-indipendenza u l-funzjonament tal-ġudikatura, il-qafas ġenerali għall-eżerċizzju ta' libertajiet fundamentali (assoċjazzjoni, espressjoni u twemmin), drittijiet kulturali, it-tkomplija ta' l-allinjament ta' relazzjonijiet ċivili-militari mal-prattika Ewropea u s-sitwazzjoni fil-lbiċ tal-pajjiż.
29. L-Unjoni terġa' tafferma l-impenn tagħha li jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi f'Diċembru 2004, abbażi ta' rapport u rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li t-Turkija tissodisfa l-kriterji politiċi ta' Kopenhagen, l-UE tiftaħ negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija bla dewmien.

30. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jibqa' mpenjat bis-sħiħ għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika u finanzjarja, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda għar-riforma strutturali.
31. Il-Kunsill Ewropew jistieden lit-Turkija biex tikkonkludi negozjati mal-Kummissjoni għan-nom tal-Komunità u l-25 Stat Membru tagħha dwar l-adattament tal-Ftehim ta' Ankara biex jieħu kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda.
32. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-kontribut posittiv tal-Gvern Tork għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jilħaq soluzzjoni komprensiva għall-problema ta' Ċipru.

Kroazja

33. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija fl-UE u r-rakkomandazzjoni li n-negozjati għall-adeżjoni għandhom jibdew. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra l-applikazzjoni abbażi ta' l-Opinjoni u ħa nota li l-Kroazja tissodisfa l-kriterji politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u l-kondizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Kunsill fl-1997. Iddeċieda li l-Kroazja hu pajjiż kandidat għas-sħubija u li l-proċess ta' adeżjoni għandu jinbeda.
34. Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jlaqqa' konferenza intergovernattiva bilaterali mal-Kroazja kmieni fl-2005 biex jibda n-negozjati. Qabel in-negozjati, l-Kunsill jiftiehem dwar qafas ġenerali ta' negozjati, waqt li jieħu kont sħiħ ta' l-esperjenza tal-ħames proċess ta' tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni f'dan ir-rigward, qabel it-tmiem tal-mandat tagħha. Jikkonferma li n-negozjati ser ikunu bbażati fuq il-merti tal-Kroazja nnifisha u r-ritmu ser jiddependi biss fuq il-progress tal-Kroazja biex twettaq il-ħtiġijiet għas-sħubija.
35. Il-Kunsill Ewropew jagħmel enfasi li l-Kroazja jeħtieġ li żżomm koperazzjoni sħiħa ma' ICTY u tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tassigura li l-akkużat li baqa' jinstab u jiġi trasferit lejn l-Aja. Jeħtieġ ukoll li l-Kroazja tagħmel iżjed sforzi dwar drittijiet tal-minorità, refuġjati li jerġgħu lura, ir-riforma tal-ġudikatura, il-koperazzjoni reġjonali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
36. Bi tħejjija għan-negozjati, għandha tinbeda ħidma fuq eżami ta' l-*acquis*, li l-aħjar isir fil-qafas tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja.

37. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni tħejji strateġija ta' qabel l-adeżjoni għall-Kroazja, inkluż l-istrument finanzjarju meħtieġ.
38. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kroazja li ma tapplika għall-Istati Membri tal-UE l-ebda aspett taż-Żona ta' Protezzjoni Ekoloġika u tas-Sajd. F'dan il-kuntest, tilqa' bil-ferħ il-ftehim milħuq mill-Italja, is-Slovenja u l-Kroazja fil-laqgħa trilaterali fi Brussel fl-4 ta' Ġunju 2004.

L-implikazzjonijiet ta' l-istatus tal-Kroazja għall-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent

39. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-fatt li l-Kroazja laħqet l-istatus ta' kandidat għandu jagħmel kuraġġ lill-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent biex ikomplu bir-riformi tagħhom. Jerġa' jafferma l-impenn għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda ta' Thessaloniki, li tiċċara li l-futur tal-Balkani tal-Punent jibqa' fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-progress tal-pajjiżi ndividwali tar-reġjun lejn integrazzjoni Ewropea ser jimxi b'mod parallel ma' l-approċċ reġjonali, li jibqa' element essenzjali tal-politika ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Kroazja biex tibqa' tagħmel kontribut qawwi għall-iżvilupp ta' koperazzjoni reġjonali iżjed mill-qrib.
40. Il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar l-elezzjoni presidenzjali fis-Serbja kif meħmuż.

IV. PERSPETTIVI FINANZJARJI

41. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-Rapport Analitiku mħejji mill-Presidenza abbażi ta' ħidma preliminarj fil-Kunsill. Jikkunsidra dan ir-Rapport bħala kontribut utli biex jiċċara kwistjonijiet u pożizzjonijiet u joffri *feedback* lill-Kummissjoni dwar il-Komunikat tagħha u bi tħejjija tal-proposti legiſlattivi tagħha. Il-Presidenza l-ġdida hi mistiedna biex tkompli l-ħidma dwar il-kwistjonijiet identifikati fir-Rapport Analitiku. Il-ħidma l-oħra dwar il-perspettivi finanzjarji għandha tieħu kont sħiħ tal-firxa ta' pożizzjonijiet ta' l-Istati Membri u tirrispetta t-terminu ta' żmien previst fil-Programm Strateġiku Pluriennali.

V. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI U SOĊJALI, IMPJIEGI U AMBJENT

Linji Gwida Wesgħin dwar Politika Ekonomika u Linji Gwida dwar l-Impjiegi

42. Il-Kunsill Ewropew japprova l-abbozz tal-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida Wesgħin dwar Politika Ekonomika li jinkludi referenza speċifika għaż-żona ta' l-Euro u l-abbozz tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi. Jilqa' l-ikbar żewġ innovazzjonijiet fil-proċessi ta' l-impjiegi u l-ekonomija li saru din is-sena: l-integrazzjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda fil-qafas ta' politika stabbilita u l-inkorporazzjoni tal-messaġġi ta' politika tar-rapport tat-*Taskforce* dwar l-Impjiegi, presjedut mis-Sinjur Wim Kok, fir-rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żewġ settijiet ta' linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet jiġu mplimentati bis-sħiħ u b'mod koerenti.

Aġenda ta' riforma ta' Lisbona

43. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress magħmul mil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa dwar miżuri importanti ta' benefiċċju dirett u tanġibbli għaċ-ċittadini bħala parti mill-ħidma ta' l-Unjoni biex jintlaħqu għanijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali. B'hekk jirrikonoxxi l-koperazzjoni tajba li l-Kunsill gawda waqt il-mandat tal-Parlament Ewropew li ser ixolji u l-Kummissjoni f'perijodu ta' opportunitajiet u sfidi kbar. B'mod partikolari, l-Kunsill Ewropew jixtieq jiġbed l-attenzjoni fuq progress kbir fl-oqsma li ġejjin:
- **il-Pjan ta' Azzjoni dwar Servizzi Finanzjarji**, bid-deċiżjonijiet meħtieġa magħmula dwar l-elementi tiegħu li kien baqa' dwar trasparenza u servizzi ta' nvestiment
 - **mobilità** ta' ċittadini Ewropej, negozji u servizzi, permezz ta' leġislazzjoni dwar rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, koordinazzjoni ta' sigurtà soċjali, il-Europass u l-introduzzjoni tal-Karta Ewropea ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa
 - **drittijiet ta' proprjetà ntellektwali** u arranġamenti dwar il-kwalifika ta' nvenzjonijiet implimentati fuq kompjuter biex jingħataw privattiva, permezz ta' ftehim dwar miżuri li jstimolaw u jħarsu l-innovazzjoni Ewropea
 - **ħarsien tal-konsumatur**, permezz ta' miżuri dwar l-infurzar u prattiċi kummerċjali nġusti
 - **ħarsien ambjentali**, permezz ta' miżuri dwar il-kwalità ta' l-arja, ħarsien marittimu, responsabbiltà ambjentali, konservazzjoni tal-bijodiversità u tibdil tal-klima, inkluż l-istabbiliment tal-mekkaniżmi kollha meħtieġa għall-Iskema ta' l-UE dwar il-Kummerċ ta' Emissjonijiet biex jiffaċilitaw il-konformità ma' l-Għanijiet tal-Protokoll ta' Kyoto
 - **żvilupp infrastrutturali**, permezz ta' deċiżjonijiet dwar Rettikolati Trans-Ewropej għat-Trasport u l-Enerġija.

44. Il-Kunsill Ewropew jidispjaċi li ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim unanimu dwar l-adozzjoni ta' Regolament dwar il-Privattiva Komunitarja; għandu jintuża perijodu ta' riflessjoni biex wieħed jara kif ser jimxi 'l quddiem, u għandu jittieħed kont ta' l-appoġġ ta' l-Istati Membri kollha għall-prinċipju ta' Privattiva Komunitarja.
45. Waqt li jirrifletti dwar l-għanijiet ta' ugwaljanza fl-aġenda ta' Lisbona, u abbażi tal-ftehim politiku li ntlaħaq fi ħdan il-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-twaqqif ta' Istitut Ewropew tal-Ġeneru u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta speċifika.
46. Il-Kunsill Ewropew itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill u lill-Istati Membri għal iżjed sforzi biex tintlaħaq l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.
47. Fid-dawl tal-ħidma tajba tal-bidu li saret dwar proposti u inizjattivi li jkomplu jikkontribwixxu għal tkabbir u żvilupp sostenibbli, il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-ħidma għandha timxi b'ritmu mgħaġġel, inter alia fuq dan li ġej:
- l-arranġamenti meħtieġa kollha biex tiġi żgurata **regolazzjoni aħjar** fl-Unjoni Ewropea
 - titjib fil-qasam ta' l-**iggvernar korporattiv**
 - id-Direttiva kwadru proposta dwar is-**servizzi**
 - konsiderazzjoni tal-Karta Bajda dwar **servizzi ta' nteress ġenerali**
 - il-proposta REACH dwar il-**kimiċi**
 - inkoraġġiment għall-**mobilità tar-riċerkaturi**, bħala eżempju ta' azzjoni Prattika biex tkompli tistimula l-innovazzjoni
 - ir-reviżjoni ta' l-**Istrateġija dwar Żvilupp Sostenibbli**
 - iżjed ħidma dwar **strateġiji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet** fil-kuntest tat-tibdil tal-klima, u dwar il-promozzjoni ta' **teknoloġiji ambjentali**
 - l-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa biex tintlaħaq il-mira miftiehma biex titwaqqaf il-qerda tal-**bijodiversità** sa l-2010
 - eżaminazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija għar-**Reġjuni l-aktar Imbiegħda**.
48. Fl-aħħar jiem qabel ir-reviżjoni ta' nofs il-mandat ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Novembru 2004.

VI. PROĊESS TA' PAĊI FL-IRLANDA TA' FUQ

49. Ik-Kunsill Ewropew jinnota d-diffikultajiet attwali fil-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq u jsostni l-isforzi taż-żewġ gvernijiet waqt li jfittxu li jerġgħu jistabbilixxu l-istituzzjonijiet devoluti. Biex isostni dawn l-isforzi, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibiltà li jiġu allinjati l-interventi taħt il-programm PEACE II u l-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ma' dawk tal-programmi l-oħra taħt il-Fondi Strutturali li jintemmu fl-2006, inklużi l-implikazzjonijiet f'termini finanzjarji.

VII. RELAZZJONIJIET ESTERI/PESK/PESD

Strateġija ta' Sigurtà Ewropea

50. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jtenni li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà adottata fil-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2003 tipprovdi qafas prinċipali għal formulazzjoni ta' politika. Ix-xogħol tkompla u mexa 'l quddiem fl-aħħar sitt xhur, inkluż fl-erba' oqsma identifikati għal xogħol tal-bidu (multilateraliżmu effettiv mal-NU fil-qofol tagħha; il-għieda kontra t-terroriżmu, u l-istrateġija dwar ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-politika komprensiva dwar il-Bosnja-Herzegovina). Il-Kunsill Ewropew talab lill-Presidenza li jmiss f'koperazzjoni mas-SĠ/RĠh u l-Kummissjoni biex ikomplu dan ix-xogħol.
51. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'mod partikolari l-fokus fuq multilateraliżmu effettiv, bi trasmissjoni tal-kontribuzzjoni ta' l-UE lill-*Panel* ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Theddid, Sfidi u Tibdil bħala sostenn għall-NU msaħħa; ħidma li saret biex tiġi mplimentata d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-UE-NU dwar Koperazzjoni fl-Immaniġġjar ta' Kriżijiet ta' l-24 ta' Settembru 2003; u impenji konġunti dwar appoġġ għal multilateraliżmu effettiv magħmul ma' sħab reġjonali prinċipali. Qiegħed ukoll jistenna bil-ħerqa l-proposti li ser ikunu sottomessi mis-SĠ/RĠh u l-Kummissjoni dwar passi konkreti magħmula biex jippromovu l-iżvilupp ta' ordni nternazzjonali bbażata fuq regoli.
52. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-prinċipji bażiċi dwar l-użu ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet), fil-kuntest ta' iktar żvilupp ta' qafas tal-politika għall-multilateraliżmu iktar effettiv skond l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà.
53. Il-Kunsill Ewropew adotta politika komprensiva dwar il-Bosnja u Herzegovina, li tistabbilixxi arranġamenti prattiċi biex itejjbu l-koerenza u l-effettività ta' l-impenn ta' l-UE bħala sostenn tal-perspettiva Ewropea tal-pajjiż.

54. Iż-żewġ oqsma li baqa' - il-ġlieda kontra t-terroriżmu u strateġija lejn ir-reġjun tal-Lvant Nofsani - huma ndirizzati x'imkien ieħor f'dawn il-Konklużjonijiet.

Ġlieda kontra l-faqar u l-HIV/AIDS

55. L-Unjoni għandha tkompli ssaħħa r-rwol ta' tmexxija tagħha fil-ġlieda kontra l-faqar globali. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu fil-progress irregolari lejn il-kisba tal-Miri ta' l-Iżvilupp tal-Millennju, speċjalment fl-Afrika. Jerġa' jtenni li l-UE ser issaħħa l-isforzi tagħha biex twettaq l-impenji magħmula f'Monterrey, inkluż permezz ta' esplorazzjoni ta' għejjun innovattivi ta' finanzjament, u tappoġġja bis-sħiħ tentattivi tan-NU biex jitħaffef il-progress lejn il-ksib tal-Miri.
56. Il-Kunsill Ewropew għal darba oħra jiġbed l-attenzjoni għall-effetti qerrieda kontinwi tal-HIV/AIDS f'hafta mill-pajjiżi l-iktar foqra tad-dinja: minkejja ftit progress, din il-marda li tinxtered mal-pajjiż kollu qed treggħa lura b'għexieren ta' snin l-isforz ta' żvilupp fl-Afrika u qed tinfirex b'rata allarmanti f'xi żoni oħra. Sforzi sostenuti mill-UE u sħab internazzjonali oħra huma essenzjali. Il-Kunsill Ewropew jesiġi li jitkompla x-xogħol b'mod qawwi mill-Unjoni u korpi reġjonali rilevanti fuq ir-riżultati tal-Konferenza Ministerjali dwar HIV/AIDS fl-Ewropa u l-Asja Ċentrali milqugħha mill-Presidenza f'Dublin fit-23/24 ta' Frar.

Indirizzar ta' Sfidi tal-Politika

57. L-Unjoni qed tieħu passi sinifikanti biex tilħaq firxa ta' sfidi prinċipali tal-politika. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Presidenza dwar attivitajiet ta' l-UE fil-qafas ta' trażżin ta' kunflitt; Presidenzi li ġejjin huma mistiedna jibnu fuq il-progress sostanzjali li sar sabiex l-Unjoni ssir iktar koerenti, kapaċi u attiva f'dan il-qasam. Fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-Linji Gwida ta' l-UE dwar Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-adozzjoni ta' strateġija dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida ta' l-UE dwar Tfal u Kunflitt Armat.
58. Il-Kunsill Ewropew jafferma ukoll l-impenn tiegħu biex juża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' l-armi ta' qerda tal-massa u l-mezzi tal-ġarr tagħhom; hu japprova r-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar il-Proliferazzjoni AQM u adotta Dikjarazzjoni dwar Sanzjonijiet Kriminali kontra materjal relatat ma' l-AQM.

Unjoni Ewropea Iktar Attiva u Kapaċi

59. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Previdenza dwar il progress fil-PESD, li jinkludi l-mandat għall-Previdenza l-għdida.
60. Jilqa' l-progress sostanzjali fit-tnejn ta' missjoni PESD li tkompli fuq l-SFOR fil-Bosnja u Herzegovina. Jitlob lill-Previdenza li jmiss u lis-SĠ/RĠh biex jieħdu l-quddiem l-ippjanar operazzjonali tal-missjoni PESD, jekk in-NATO tiddeċiedi li twaqqaf l-SFOR fil-laqgħa għolja li ser isseħħ f'Istanbul. Dan hu ukoll eżempju prattiku ta' sħubija strateġika fl-immaniġġjar ta' kriżijiet man-NATO.
61. Il-Kunsill Ewropew jinnota t-tnejjja b'suċċess taż-żewġ missjonijiet PESD għaddejjin bħal issa - Il-Missjoni ta' l-UE tal-Pulizija fil-Bosnja u Herzegovina u l-Operazzjoni Proxima f'Dik li Darba Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Jilqa' wkoll il-progress li qed isir lejn insedjament ta' l-ewwel missjoni ta' l-UE ta' l-Istat tad-Dritt taħt il-PESD li ser tibda dalwaqt fil-Ġeorġja.
62. Progress konkret qed jintlaħaq fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Għanijiet Prinċipali 2010. Il-Kunsill Ewropew japprova wkoll il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet Ċivili u jilqa' l-passi li ttieħdu sabiex titjieb iktar il-kapaċita' ta' l-UE biex tipproċedi b'operazzjoni militari ta' tweġiba rapida għall-immaniġġjar ta' kriżijiet. Hu ta wkoll l-approvazzjoni tiegħu għall-elaborazzjoni tal-modalitajiet li taħtom l-UE tista' tipprovdi kapaċitajiet militari ta' sostenn għan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Previdenza li jmiss u s-Segretarju Ġeneral/Rappreżentant Għoli huma mistiedna biex ikomplu l-kuntatti man-NU dwar din il-kwistjoni.
63. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim dwar l-azzjoni konġunta li tipprevedi l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża.
64. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress importanti li sar fuq "Difiża Ewropea: il-konsultazzjoni, l-ippjanar u l-operazzjonijiet NATO/UE", kif stabbilit fil-konklużjonijiet li adotta fl-Anness u jaqbel li jmexxi x-xogħol 'il quddiem kif propost. Jisħaq fuq l-importanza li dawn il-miżuri jidhru fis-seħħ mill-aktar fis possibbli u li r-riżorsi meħtieġa jiġu pprovduti bħala prijorità, b'hekk jagħmilha possibbli għall-faċilitajiet PESD ġodda biex jibdew ix-xogħol tagħhom skond il-kalendarju miftiehem.

Stabbiliment ta' Inizjattivi ġodda ta' Sħubija

Il-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien

65. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ENP) u japprova il-Konklużjonijiet tal-GAERC ta' l-14 ta' Ġunju. It-Tkabir għab l-Unjoni iktar qrib tall-ġirien tagħha lejn il-lvant u n-nofs in-nhar. Il-Kunsill Ewropew jerġa jtenni l-importanza li jagħti għat-tisħieħ tal-koperazzjoni ma' dawn il-ġirien, abbażi ta' sħubija u proprjetà konġunta u l-bini fuq il-valuri komuni ta' demokrazija u rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
66. Il-Kunsill Ewropew jilqa' djalogu msaħħaħ mas-sħab kollha tal-ENP, lvant u n-nofs in-nhar. Jinnota li l-Laqqha Għolja li ser isseħħ fit-8 ta' Lulju ser tipprovdi opportunità biex jitqiesu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukrajna. Jilqa' ukoll d-dħul ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fl-ENP. Dan jagħti lill-UE strument importanti ieħor biex tippromovi l-progress dwar aġenda ta' riforma iktar wiesa' f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-risultat posittiv haħna tal-Konferenza tad-Dontauri għal Ġeorġja li saret fi Brussel fis-16 ta' Ġunju. Ser ikun ukoll possibbli li jkun estenzi l-benefiċċji kollha tal-ENP lill-Belarus meta dak il-pajjiż jistabbilixxi forma demokratika ta' gvern, wara elezzjonijiet ħielsa u ġusti, appoġġ msaħħaħ għas-soċjeta ċivili fil-Belarus bħala mezz li bih jinħoloq pajjiż iktar demokratiku, stabbli u sinjur.
67. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li pjanijiet ta' azzjoni ta' l-ENP jiġu żviluppati ma' l-isħab Ewro-Mediterranja kollha li għandhom ftehim ta' assoċjazzjoni fis-seħħ. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex imexxu x-xogħol 'il quddiem. Jinnota li l-Kummissjoni, bil-kontribuzzjoni tar-Rappreżentant Għoli fejn xieraq, ser tressaq sa Lulju proposti għall-ewwel serje ta' pjanijiet ta' azzjoni ma' pajjiżi tal-lvant u tan-nofs in-nhar, li ġew imħejjija b'konsultazzjoni mal-pajjiżi sħab, biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Sħubija Strateġika mal-Mediterran u l-Lvant Nofsani

68. Il-Kunsill Ewropew approva r-Rapport tal-Presidenza, l-SĠ/RGħ u l-Kummissjoni dwar is-Sħubija Strateġika ta' l-UE mal-Mediterran u l-Lvant Nofsani, li ser tistabbilixxi bażi għall-politiki ta' l-UE lejn il-pajjiżi kkonċernati billi tistabbilixxi prinċipji u għanijiet ġenerali.

69. L-għan ta' din is-Sħubija Strateġika huwa li tippromwovi l-iżvilupp ta' żona komuni ta' paċi, prosperità u progress fil-Mediterran u l-Lvant Nofsani. Din tistabbilixxi aġenda konkreta tal-politika li bi sħubija u djalogu, u billi jirrikonoxxu d-diversitajiet, l-Unjoni ttipprova:
- Tippromovi riforma politika, gvernar tajjeb, demokrazija u drittijiet tal-bniedem;
 - Tistimola kummerċ u koperazzjoni ekonomika, liberalizzazzjoni ekonomika u kuntatti personali;
 - Tippromovi riżoluzzjoni u trażżin ta' kunflitt fil-Mediterran u l-Lvant Nofsani u l-miżuri li jikkumbattu terroriżmu, proliferazzjoni ta' armi ta' qerda tal-massa u immigrazzjoni illegali.
70. L-Unjoni Ewropea terġa ttenni l-fehma tagħha li ma jkunx possibbli li tkun mibnija żona komuni ta' paċi, prosperità u progress sakemm ma jintlaħaqx ftehim ġust u dejjiemi għall-Kunflitt bejn l-Għarab u l-Iżraeljani. Madankollu, progress dwar ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt ma jistax ikun pre-kondizzjoni biex tikkonfronta l-isfidi tar-riforma urġenti li qed jiffaċċjaw sħabna tal-Mediterran u l-Lvant, u l-anqas bil-kontra.
71. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li l-isfidi identifikati ma jistgħux ikunu ndirizzati billi jinżamm l-*istatus quo*. Jilqa' l-fatt li dan il-ftehim hu komuni għall-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Lvant Nofsani. L-impenn tagħhom biex jirrifirmaw ġie espress kemm fil-konsultazzjoni tagħhom ma' l-Unjoni kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari id-Dikjarazzjoni ta' Tunis tal-Laqgħa Għolja tal-Lega Għarbija tat-22/23 ta' Mejju 2004 kif ukoll d-Dikjarazzjonijiet ta' qabel ta' Alexandria u Sana'a.
72. L-Unjoni Ewropea ser twettaq dawn l-għanijiet ma' sħabha primarjament permezz ta' strutturi u arranġamenti eżistenti. L-Isħubija Ewro-Mediterranja u l-Politika Ewropeja ta' Pajjiżi Ġirien ser jibqgħu l-pedamenti tal-qafas ta' l-Unjoni għal relazzjonijiet ma' pajjiżi tal-Mediterran. L-UE ser isaħħaħ ukoll relazzjonijiet ma' membri tal-Kunsill ta' Koperazzjoni tal-Golf u pajjiżi oħra tal-Lvant Nofsani. Ser tiżgura li programmi ta' għajnuna reġjonali u bilaterali taħt dawn l-istrumenti u l-oqsfa jirriflettu u jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet mniżżla hawn fuq.
73. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma li l-Unjoni lesta li taħdem ma' l-SU u sħab oħra meta jikoperaw mal-pajjiżi konċernati. Jistenna bil-ħerqa li jirrevedi l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u li jesplora l-possibilitajiet biex jikkoordina l-isforzi rispettivi tagħna biex nġininu l-proċess ta' riforma fil-Laqgħa Għolja UE-SU li jmiss fis-26 ta' Ġunju 2004.

74. Il-Kunsill Ewropew ser jagħmel monitoraġġ ta' l-iżvilupp taħt is-Sħubija Strateġika, u ser jirrevedi l-progress u d-direzzjoni futura f'Ġunju 2005.

Ħidma ma' Sħab Strateġiċi

75. L-Unjoni ser tkompli tiżviluppa r-relazzjoni tagħha ma' sħab strateġiċi prinċipali permezz ta' koperazzjoni produttiva fuq firxa wiesha ta' oqsma kif ukoll permezz ta' Laqgħat għolja. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-kunfidenza tiegħu li s-saħħa, l-profondità u s-sinifikat tar-relazzjoni UE-SU ser jintwerew fl-Laqgħa Għolja li ser tkun ta' suċċess fis-26 ta' Ġunju; ir-relazzjoni qed tiġi msaħħa ukoll permezz ta' sħubija ekonomika msaħħa u djalogu ta' negozju ntensifikat. Progress sostanzjali seħħ fil-perijodu reċenti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kanada, b'mod partikolari fil-Laqgħa Għolja f'Ottawa fit-18 ta' Marzu. L-importanza kontinwa tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Ġappun ser tkun indikata fil-Laqgħa Għolja bejn l-UE u l-Ġappun fit-22 ta' Ġunju.
76. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultat tal-Laqgħa Għolja bejn l-UE u r-Russja fil-21 ta' Mejju, li tinkludi l-ftehim milħuq fir-rigward ta' thejġijiet għas-sħubija tar-Russja fil-WTO. Il-Laqgħa Għolja saret wara estensjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni għall-Unjoni mkabbra; l-UE qed tistenna bil-ħerqa ratifika mingħajr dewmien tal-Protokoll FSK. Tilqa' ukoll l-impenn tal-gvern Russu biex jiffirma kmieni u jirratifika l-ftehim dwar il-fruntieri tar-Russja ma' l-Estonja u l-Latvja. Il-Kunsill Ewropew jagħmel enfasi li hemm aġenda mimlija li trid tinħadem mas-sħab Russi, li tinkludi l-prijorità li jiġu żviluppati l-erbgħa "spazji komuni". Il-koperazzjoni ambjentali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku ser jifforma parti importanti minn din l-aġenda. Il-Kunsill Ewropew itenni s-sejħa tiegħu għal ratifika bikrija tal-Protokoll ta' Kyoto mir-Russja u wara l-impenn tal-President Putin biex iħaffef il-moviment lejn din ir-ratifika, jistieden lill-Kummissjoni biex timpenja ruħha ma' l-awtoritajiet Russi dwar il-benefiċċji li ratifika ser iġġib fir-Russja kif ukoll iktar fil-wisa'.
77. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu biex isegwi s-sħubija strateġika tiegħu maċ-Ċina u biex jiżviluppa relazzjoni strateġika ma' l-Indja, imsejsa fuq ftehim komuni u djalogu. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ikompli jikkunsidra l-embargo ta' l-armi fil-kuntest tar-relazzjonijiet ġenerali ta' l-UE maċ-Ċina.

Relazzjonijiet Reġjonali

78. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu biex isahha id-djalogu mas-sħab reġjonali. Jilqa' l-progress reċenti tad-djalogu bejn l-UE u l-Afrika, li jinkludi riżultat produttiv ta' Laqgħa Ministerjali Trojka f'Dublin fl-1 ta' April, u jħeġġeġ iktar sforzi biex dan id-djalogu jiġi żviluppat u mtejjeb. L-Ispirtu l-ġdid ta' awto-għajnuna fuq l-eżempju ta' NEPAD jipprovdi impetus veru. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar il-progress magħmul mill-Unjoni Afrikana, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' arkitettura kontinentali għall-paċi u s-sigurtà, u ser jiżviluppa l-koperazzjoni tiegħu ma' l-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet subreġjonali. Il-ftuħ b'suċċess tal-Faċilità ta' Paċi Afrikana, kif ukoll ħidma fi ħdan il-qafas PESD, jistabbilixxi bażi ta' koperazzjoni iktar mill-qrib u iktar effettiva bejn l-UE u l-Afrika fiż-żona ta' importanza vitali ta' prevenzjoni u mmaniġġjar ta' kunflitti.
79. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll it-tisħiħ tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew fil-Laqgħa Għolja ta' Guadalajara, fil-Messiku fit-28/29 ta' Mejju u tisħaq fuq l-impenn tagħha li tiżviluppa bis-sħiħ il-potenzjal ta' din ir-relazzjoni. Waqt li jibni fuq ir-riżultati tal-Laqgħa Għolja ta' Guadalajara, l-Unjoni ser tibda taħdem lejn il-Laqgħa Għolja li jmiss fi Vjenna fl-2006.

Sitwazzjonijiet speċifiċi ta' tħassib

80. Il-Kunsill Ewropew kkunsidra għadd ta' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' tħassib. Adotta Konklużjonijiet dwar l-Iraq u dwar il-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani kif meħmuż.

Is-Sudan/Darfur

81. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza t-tħassib serju dwar il-kriżi umanitarja kontinwa u l-vjolazzjonijiet qawwija tad-drittijiet tal-bniedem f'Darfur. Jagħmel sejħa lill-Gvern tas-Sudan biex jagħmel dak kollu li jista' biex jiżgura l-aċċess umanitarju, l-protezzjoni u s-sigurtà taċ-ċivili u tal-ħaddiema fil-qasam umanitarju u biex jiddiżarma l-milizzja. Jilqa' l-ftehim ta' N'djamena tat-8 ta' April 2004 għal waqfien tal-ġlied u jħeġġeġ lill-partijiet biex jikkonkludu ftehim politiku mill-aktar fis possibbli. Ifaħħar l-isforzi mill-Unjoni Afrikana (AU) li timpimenta l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-waqfien tal-ġlied fir-reġjun ta' Darfur u jikkonferma l-involvement ta' l-UE, u l-appoġġ finanzjarju għal din il-missjoni.

Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

82. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-avvenimenti riċenti fil-Kongo tal-Lvant li jistgħu jheddu l-proċess ta' transizzjoni. Jagħmel sejħa lit-tmexxija tal-Kongo biex jassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà tiegħu li jwettaq l-aġenda tat-transizzjoni u jtenni li d-diżarmament malajr, demobilizzazzjoni u re-integrazzjoni ta' ex-ġellieda kif ukoll l-istabbiliment ta' armata u pulizija unifikati u ntegrati huma fatturi kritiċi għas-suċċess tagħha. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-operazzjoni tan-NU fir-RDK. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-pajjiżi ġirien kollha, b'mod partikolari r-Rwanda, biex jagħmlu hilitom biex isostnu l-proċess ta' paċi fir-RDK u biex jikkoperaw kemm bilateralmment kif ukoll multilateralment f'oqsma ta' benefiċċju reċiproku. L-UE tinstab lesta biex tgħin lil dawn il-pajjiżi f'dawn l-isforzi.

L-Iran

83. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq ix-xewqa ta' l-Unjoni li timxi lejn relazzjoni iktar mill-qrib ma' l-Iran, abbażi ta' azzjoni mill-Iran biex jindirizza t-tħassib ta' l-UE fir-rigward tal-programm nukleari ta' l-Iran, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-approċċ ta' l-Iran dwar il-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani. Jinnota l-ħidma għaddejja ta' l-IAEA fl-Iran u jħeġġeġ koperazzjoni sħiħa ma' l-Aġenzija fi spirtu ta' trasparenza sħiħa fir-rigward tal-programm nukleari tiegħu, biex jissolvew il-kwistjonijiet li baqa'. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tiddiskuti fid-dawl tar-rapport reċenti tad-Direttur Ġenerali ta' l-IAEA El-Baradei u r-risultat tal-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-IAEA li bħal issa qed isir fi Vjenna.

Il-Ħatra tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Kosovo

84. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li bi ħsiebu jaħtar lis-Sinjur Soren Jessen-Petersen bħala r-Rappreżentant Speċjali tiegħu għall-Kosovo u kap ta' l-UNMIK. L-UE ser taħdem mill-qrib mal-RSSĠ il-ġdid u ser jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tiegħu biex jiżgura Kosovo tassew multi-etniku bbażat fuq l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1244.

KUNSILL EWROPEW 17/18 TA' ĠUNJU

ELEZZJONI PRESIDENZJALI FIS-SERBJA

Fl-1 ta' Mejju, l-Unjoni Ewropea ċelebrat l-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda u t-tmien tad-diviżjoni traġika ta' l-Ewropa ta' wara l-gwerra. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn ċar ta' l-Aġenda ta' Thessaloniki li l-ġejjieni tas-Serbja u l-Montenegro u l-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent jinstab fl-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea tisħaq li l-elezzjonijiet presidenzjali fis-Serbja fis-27 ta' Ġunju jirrapreżentaw mument kruċjali għas-Serbja, għall-unjoni statali tas-Serbja u l-Montenegro u għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-poplu tas-Serbja biex jeżerċita d-dritt demokratiku tiegħu li jivvota u, b'hekk, jiżgura li s-Serbja titbiegħed b'mod deċiż mill-iżolazzjoni tal-passat u tersaq lejn integrazzjoni Ewropea permezz tad-demokrazija, ir-riforma, il-koperazzjoni reġjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ta' l-istat tad-dritt u ta' l-obbligi nternazzjonali. L-Unjoni Ewropea trid taħdem mal-mexxejja Serbi fl-ispirtu ta' l-integrazzjoni Ewropea u abbażi ta' impenn kondiviż għall-valuri Ewropej.

KUNSILL EWROPEW 17/18 TA' ĠUNJU

DIFIŻA EWROPEA: KONSULTAZZJONI, IPPJANAR U OPERAZZJONIJIET NATO/UE

Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli dwar il-progress s'issa fl-avvanz tal-proposti fid-dokument "Difiża Ewropea: NATO/UE konsultazzjoni, ppjanar u operazzjonijiet", li ntlaqa' mill-Kunsill Ewropew fi Brussel f'Diċembru 2003. Il-Kunsill Ewropew reġa' afferma l-importanza li dawn il-miżuri jidhru fis-seħħ kemm jista' jkun malajr u li r-riżorsi neċessarji jiġu pprovduti bi prijorità.

Il-Kunsill Ewropew qabel biex imexxi 'l quddiem il-ħidma dwar l-istabbiliment ta' ċellula ċivili/militari fi ħdan l-Persunal Militari UE, kif indikat fir-rapport hawn fuq imsemmi, u qabel li ċ-ċellula għandha tibda x-xogħol tagħha l-aktar tard sa l-aħħar ta' din is-sena.

Il-Kunsill Ewropew qabel li jmexxi 'l quddiem il-ħidma dwar l-istabbiliment ta' ċellula żgħira fix-SHAPE u l-arranġamenti konġunti tan-NATO mal-EUMS, kif indikat fir-rapport hawn fuq imsemmi, u stieden lis-SĠ/RĠh biex jikkuntattja lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO bil-għan li jintlaħaq ftehim kmieni, li jidħol fis-seħħ sat-tmien ta' din is-sena.

Il-Kunsill Ewropew qabel li jmexxi 'l quddiem il-ħidma dwar l-istabbiliment ta' ċentru ta' operazzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew qabel li l-kapaċità tat-twaqqif malajr ta' ċentru ta' operazzjonijiet għanda tkun eżistenti sa, l-aktar tard, l-1 ta' Jannar 2006. Il-Kunsill Ewropew reġa' afferma l-importanza tal-parametri għal din il-kapaċità stabbiliti fid-dokument tal-Presidenza approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2003, b'mod partikolari li dan l-HQ ma jkunx wieħed permanenti, li l-akbar possibbiltà għal operazzjonijiet militari awtonomi tibqa' fil-HQs nazzjonali u li deċiżjoni ta' l-użu mill-kapaċità tal-EUMS tittieħed, fuq il-parir tal-Kumitat Militari, b'mod partikolari fejn risposta konġunta ċivili/militari hija meħtieġa u fejn l'ebda HQ nazzjonali m'hu identifikat. F'dan il-kuntest, u għaldaqstant b'kont meħud tal-kapaċitajiet u speċifikitajiet oħra li jinqalgħu minħabba li dan mhux HQ permanenti, il-Kunsill Ewropew qabel li l-għan għandu jkun li jinholq ċentru ta' operazzjonijiet bil-kapaċità li jippjana u jmexxi operazzjonijiet, fil-limiti tal-kompiti konċepiti fit-Trattat, fuq l-iskala ta' l-Operazzjoni Artemis. Il-Kunsill Ewropew stieden lis-SĠ/RĠh biex jagħmel proposta dettaljata għal dak l-iskop, li sservi ta' bażi għal diskussjonijiet ulterjuri fil-PSC, fuq il-parir tal-EUMC u Civcom. Fakkar li, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, sviluppi ulterjuri fl-ambitu ta' l-applikazzjoni jew fin-natura ta' din il-kapaċità jistgħu jiġu eżaminati u li din tkun tirrekjedi deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Il-Kunsill Ewropew saħaq fuq il-bżonn li jiġu sfruttati bis-sħiħ is-sinerġiji bejn dawn il-faċilitajiet ġodda ta' l-PESD u strutturi eżistenti tal-Kunsill. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew laqa' l-fehim li ċ-ċellula civ/mil u l-faċilitajiet għal ċentru ta' operazzjonijiet għandhom ikunu lokalizzati fl-istess bini bħall-istrutturi prinċipali ta' l-EUMS, kif ukoll, sa fejn ikun l-iżjed possibbli, ma' l-istrutturi pol-mil tad-DGE.

KUNSILL EWROPEW 17/18 TA' ĠUNJU

L-IRAQ

L-Unjoni Ewropea taffirma l-għan tagħha ta' Iraq bħala pajjiż fejn hemm is-sigurtà, l-istabbiltà, li hu unifikat, prosperu u demokratiku, li jagħmel kontribut posittiv għall-istabbiltà tar-reġjun; għal Iraq li jaħdem b'mod kostruttiv mal-ġirien tiegħu u mal-komunità nternazzjonali biex jintlaħqu l-isfidi komuni. Taqbel li l-UE għandha taħdem fl-intier tagħha fi sħubija mal-Gvern *Interim* Iraqi u l-poplu Iraqi, bl-iskop li dawn l-għanijiet jintlaħqu.

Kontra dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa t-treġġiġh lura tas-sovranità Iraqina sat-30 ta' Ġunju 2004 u tilqa' l-formazzjoni, bl-għajjnuna tan-NU, ta' Gvern *Interim* Iraqi kompletament sovrani li jassumi awtorità sħiħa minn dak il-jum, mat-tmiem ta' l-okkupazzjoni u x-xoljiment ta' l-Awtorità Proviżorja tal-Koalizzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni unanima tal-UNSCR 1546, li jipprovdi lill-Iraqin b'sostenn internazzjonali sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw b'mod ħieles il-futur politiku tagħhom u jergħu jibnu pajjiżhom, u jagħti mandat lin-NU biex ikollu rwol mexxej, skond kif iċ-ċirkostanzi jippermettu, fit-tranżizzjoni politika.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn tal-Prim Ministru l-ġdid Iraqi għat-tisħiħ ta' l-unità nazzjonali, u jisħaq l-importanza tal-Konferenza Nazzjonali li ġejja bħala mod ieħor biex tiżdied ir-rappreżentattività politika fl-istituzzjonijiet politiċi Iraqini qabel ma jseħħu l-elezzjonijiet sa' Jannar 2005.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-prospettiva ta' l-elezzjonijiet għall-Assemblea Nazzjonali Transitorja sa Jannar 2005 bħala pass kbir lejn l-istabbiliment ta' Iraq demokratiku. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-formazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali Indipendenti għall-Iraq, u r-rwol mexxej tan-NU fl-għoti ta' pariri lill-Gvern *Interim* Iraqi dwar il-proċess elettorali.

Il-Kunsill Ewropew japprova l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-UE u l-Iraq - Qafas għal Impenn” u l-ittra tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni li tistabbilixxi iżjed oqsma għal impenn. Il-Kunsill Ewropew jitlob li fl-Lulju l-GAERC jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli u jaqbel dwar l-ewwel passi xierqa li għandhom jittieħdu. Dawn jistgħu jinkludu:

- provvista kontinwa ta’ għajjnuna teknika, ekonomika u ta’ rikostruzzjoni;
- l-istabbiliment ta’ ħidma mill-qrib mat-timijiet tan-NU, inkluż dwar il-preparattivi għal elezzjonijiet;
- tisħiħ tar-rappreżentazzjoni ta’ l-UE fl-Iraq, skond kif iċ-ċirkostanzi jippermettu;
- li jinbada proċess ta’ djalogu politiku;
- li d-djalogu ta’ l-UE mal-ġirien ta’ l-Iraq jintuża biex iħeġġeġ impenn posittiv u sostenn reġjonali għall-proċess politiku u ta’ rikostruzzjoni fl-Iraq.

Sabiex dan jitmexxa ‘l quddiem, il-Kunsill huwa mistieden li jkollu laqgħa tat-Trojka mal-Gvern il-ġdid Iraqi kemm jista’ jkun malajr, u biex jistieden lill-Prim Ministru Iraqi biex jindirizza lill-Kunsill.

Il-Kunsill Ewropew ser jeżamina l-progress dwar l-impenn ma’ l-Iraq fil-Kunsill Ewropew ta’ Novembru 2004.

Il-Kunsill Ewropew jilqa’ l-possibbiltà ta’ laqgħa nternazzjonali biex it-tranżizzjoni politika u l-irkupru Iraqi jiġu sostnuti, għal benefiċċju tal-poplu Iraqi u fl-interess ta’ l-istabbiltà fir-reġjun.

B’referenza għar-rapport tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq, il-Kunsill Ewropew jisħaq l-importanza tal-protezzjoni u promozzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem u ħeġġeġ lill-Gvern il-ġdid Iraqi biex jieħu azzjoni xierqa.

Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu ta’ l-attakki terroristiċi, li kienu l-kawża ta’ tant mewt u qerda. Jikkundanna wkoll it-teħid ta’ ostaġġi u l-qtil li ġie kommess. Il-Kunsill Ewropew jiddispjaċih li l-kampanja ta’ vjolenza terroristika fl-Iraq qiegħda ttawwal t-tbatijja tal-poplu Iraqi billi toħloq diffikultajiet għall-progress politiku u r-rikostruzzjoni ekonomika ta’ l-Iraq. Il-Kunsill Ewropew jilqa’ l-impenn tal-partijiet kollha taħt il-UNSCR 1546 biex jaġixxu skond il-liġi nternazzjonali, inkluż l-obbligi taħt il-liġi umanitarja internazzjonali u jistiedinhom biex jiżguraw l-osservanza ta’ dawn l-obbligi.

KUNSILL EWROPEW 17/18 TA' ĠUNJU

PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew irrededa l-iżviluppi reċenti fil-Lvant Nofsani. L-Unjoni Ewropea hi mpenjata bis-shiĥ biex tagħti impetu għid lill-isforzi ta' paċi.

Jesprimi tħassib dwar il-vjolenza kontinwa li taffettwa kemm l-Iżraeljani u l-Palestinjani. Jirrepeti s-sejħa tiegħu biex jintemmu l-attakki terroristiċi minn gruppi estremisti li kkawżaw it-telfa ta' ħafna ħajjiet innoċenti. Jitlob lill-Awtorità Palestinjana biex tiegħu azzjoni kontra dawk involuti fit-terroriżmu. Waqt li jagħraf d-dritt leġittimu ta' l-Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu, ifakkar l-obbligu ta' l-Iżrael li jeżerċita dan id-dritt fil-parametri tal-liġi nternazzjonali. Jesprimi tħassib serju dwar il-kriżi umanitarja li hi għaddejja fit-Territorji Palestinjani Okkupati u jitlob lill-Gvern Iżraeli, skond il-liġi internazzjonali u r-Resoluzzjoni 1544 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex iwaqqfu d-demolizzjonijiet u jieħdu azzjoni urġenti biex inaqqsu t-tbatija tal-Palestinjani.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-prospett ta' l-irtirar ta' l-Iżrael mill-Istrixxa ta' Gaża. Tali rtirar jirrappreżenta pass sinjifikanti lejn l-implimentazzjoni tar-*Roadmap*, sakemm jiġi implimentat skond l-elementi identifikati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004. L-Unjoni Ewropea ma tirrikonossix bidla fil-fruntieri ta' qabel l-1967 ħlief dawk li ntlaħqu permezz ta' ftehim bejn il-partijiet. Fil-qafas tal-Kwartet, l-UE ser taħdem ma' l-Iżrael għall-irtirar shiĥ u mal-Palestinjani biex tiżgura kondizzjonijiet ta' sigurtà. Il-Kunsill Ewropew hu determinat biex jaħtaf l-okkażjoni ppreżentata permezz ta' din l-inizjattiva u jistieden ir-Rappreżentant Għoli biex jiltaqa' ma' awtoritajiet Iżraeljani u Palestinjani biex jeżaminaw il-kontribuzzjoni Ewropea għall-irtirar u l-implimentazzjoni tar-*Roadmap*, u biex ifassal proposti għal dak il-għan.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultat tal-laqgħa tal-Kwartet f' New York fl-4 ta' Mejju. Jilqa' wkoll it-tiġdid ta' l-Inizjattiva ta' Paċi ta' Beirut tal-Lega ta' Stati Għarbin u s-sostenn kontinwu għar-*Roadmap* fil-Laqqgħa Għolja f'Tuniż fit-22/23 ta' Mejju u t-tiċħid tal-Lega ta' atti ta' vjolenza kontra ċivili mingħajr diskriminazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Istqarrija tal-G8 li tistieden il-Kwartet jiltaqa' fir-reġjun qabel l-aħħar ta' dan ix-xahar. L-UE tistenna bil-ħerqa laqgħa bħal din li għandha sservi biex tmexxi iktar 'il quddiem il-proċess ta' paċi.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu li r-*Roadmap* tirrappreżenta l-unika rotta biex tinkiseb soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati. Hu determinat li jsegwi b'hegħa t-triq stabbilita fir-*Roadmap* u jsejjaħ liż-żewġ naħat biex iwettqu l-obbligi tagħhom skond ir-*Roadmap*.

Il-Kunsill Ewropew ihegħeġ l-Awtoritá Palestinjana biex tieħu passi mmedjati u deċisivi biex tikkonsolida s-servizzi ta' sigurtá Palestinjani kollha taħt il-kontroll ċar ta' Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern li ġew mogħtija s-setgħa b'mod xieraq. Jafferma mill-ġdid li hu lest jagħti sostenn lill-Awtoritá Palestinjana biex tieħu responsabbiltá għall-ordni pubblika u, b'mod partikolari, li ttejjeb il-pulizija ċivili tagħha u l-kapaċità ta' nfurzar tal-liġi tagħha. L-UE ser tistudja passi prattiċi għal dak il-għan. L-Unjoni Ewropea tfaħħar u tagħti sostenn lis-sehem li qiegħed jieħu l-Gvern ta' l-Eġittu f'dan ir-rigward u ddikjarat mill-ġdid ir-rieda tagħha li tikkopera miegħu. Il-Kunsill Ewropew ihegħeġ l-iżvilupp ta' kuntatti u djalogi bejn l-Iżrael u l-Awtoritá Palestinjana.

Il-Kunsill Ewropew ihegħeġ ukoll lill-Iżrael biex jirtira l-politika ta' kolonizzazzjoni tiegħu u jiffriża kull attività ta' kolonizzazzjoni, li żżarma l-istakkamenti ta' osservazzjoni eretti minn Marzu 2001 u jtemm konfiska ta' art u l-bini ta' dak li jissejjaħ ċint ta' sigurtá fuq art Palestinjana, li kollha jheddu li jagħmlu s-soluzzjoni ta' żewġ stati fiżikament impossibbli li tiġi mplimentata.

Il-Kunsill Ewropew isejjaħ sforzi mġedda lejn waqfien ta' sparar komprensiv bħala pass lejn iż-żarmar ta' kapaċijiet u infrastrutturi terroristiċi u progress mġedded lejn il-paċi.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment tal-Fond ta' Fiduċja tal-Bank Dinji u jhegħeġ sostenn internazzjonali għal din l-inizjattiva importanti għar-rikostruzzjoni ekonomika u soċjali tal-Palestina.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li soluzzjoni ġusta u dewwiema fil-proċess ta' paċi tista' tiġi milqugħa biss permezz ta' negozjati bejn il-partijiet u s-sostenn tal-komunitá internazzjonali. Vjolenza u terror ma għandhomx post fit-tfixxija għal paċi ġusta u dejjiema fil-Lvant Nofsani. Perspettiva politika hi essenzjali għall-proċess ta' paċi. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li paċi komprensiva għandha tinkludi wkoll is-Sirja u l-Libanu.